

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5366 — Iberdrola Renovables/Gamesa Energía)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 283/09)

1. Fit-30 ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li biha l-impriża Iberdrola Renovables S.A. ("Iberdrola Renovables", Spanja), li hija proprjetà tal-grupp Iberdrola, takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll sħiħ tal-impriża Gamesa Energía S.A.U. ("Gamesa Energía", Spanja), li tap-partjeni lill-group Gamesa permezz tal-akkwist u l-kontribuzzjoni ta' assi.
2. L-attivitajiet tan-negozju tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal Iberdrola Renovables: il-ġenerazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku li jiġġedded,
 - għal Gamesa Energía: il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' impjanti ta' turbini tar-riħ għal ġenerazzjoni tal-elettriku biex jinbiegħ lill-partijiet terzi.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew inkella bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.5366 — Iberdrola Renovables/Gamesa Energía, f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.